



Brussell, 26 ta' Frar 2019
(OR. en)

6600/19

Fajls Interistituzzjonali:

2016/0131(COD)
2016/0132(COD)
2016/0133(COD)
2016/0222(COD)
2016/0223(COD)
2016/0224(COD)
2016/0225(COD)

ASILE 15
ASIM 24
CSC 70
EURODAC 5
ENFOPOL 89
RELEX 156
CODEC 478

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11318/1/16 REV 1 ASILE 28 CODEC 1078 11316/16 ASILE 26 CODEC 1076 + ADD 1 11317/16 ASILE 27 CODEC 1077 + ADD 1 + ADD 2 8765/1/16 REV 1 ASILE 13 EURODAC 3 ENFOPOL 132 CODEC 630 12112/18 ASILE 59 CSC 253 CODEC 1459 11313/16 ASIM 107 RELEX 650 COMIX 534 CODEC 1073
Suġġett:	Riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u r-Risistemazzjoni a) Regolamentta' Dublin: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni) (L-ewwel qari) b) Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza: Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (L-ewwel qari) c) Regolament dwar Standards għall-Kwalifika: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul (L-ewwel qari) d) Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (L-ewwel qari) e) Regolament Eurodac: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li qed ttrissjedi illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil mad-data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni) (L-ewwel qari) f) Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Asil: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u li tħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (L-ewwel qari) g) Regolament dwar Qafas ta' Risistemazzjoni: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (L-ewwel qari) = Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-4 ta' Mejju u fit-13 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat seba' proposti legiſlattivi bil-għan ta' riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA). Dan il-pakkett inkluda r-riformulazzjoni tar-Regolament ta' Dublin u tar-Regolament Eurodac, proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil (EUAA), proposta għal Regolament li jistabbilixxi Proċedura Komuni għall-Protezzjoni Internazzjonali fl-UE, proposta għal Regolament dwar Standards għall-Kwalifika, ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza u proposta għal Regolament li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni.
2. Fil-laqgħa tiegħu tat-28 u d-29 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill Ewropew, filwaqt li laqa' l-isforzi ma jaqtgħu xejn tal-Presidenza Bulgara u l-Presidenzi preċedenti, enfasizza l-ħtieġa li tinstab soluzzjoni rapida għall-pakkett kollu u stieden lill-Kunsill ikompli jaħdem bil-ħsieb li jikkonkludi mill-aktar fis possibbli. Fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill Ewropew ivvaluta l-istat ta' implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju u talab biex titkompla l-ħidma fuq l-elementi kollha bħala parti mill-approċċ komprensiv tiegħu għall-migrazzjoni. Fit-13-14 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill Ewropew appella għal aktar sforzi biex jiġu konklużi n-negożjati dwar l-Aġenzija għall-Asil u dwar il-partijiet kollha tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, b'rispett lejn il-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew u b'kont meħud tal-grad differenti ta' progress miksub f'kull wieħed minn dawn il-fajls.

Dan ir-rapport ta' progress jissejjes fuq ir-rapport preċedenti ppreżentat lill-Kunsill fis-6 u s-7 ta' Diċembru 2018, kif jinsab fid-dokument 14597/18.

II. SITWAZZJONI ATTWALI TAL-FAJLS TAS-SEKA

A. *REGOLAMENT TA' DUBLIN*

3. F'Ġunju 2018, il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li jeħtieġ li jintlaħaq kunsens dwar ir-Regolament ta' Dublin biex dan jiġi riformat abbażi ta' bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà, b'kont meħud tal-persuni li żbarkaw b'segwitu għal Operazzjonijiet ta' Tfittxija u Salvataġġ.
4. Waqt il-Presidenza Awstrijaka, ġew esplorati diversi proposti għall-bilanċ ġenerali bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà kif mitlub mill-Kunsill Ewropew, bħall-forom differenti ta' solidarjetà li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru taħt pressjoni li l-Istati Membri l-oħra jkunu meħtieġa jikkontribwixxu għalihom, jew il-mekkaniżmu ta' responsabbiltà u solidarjetà, li jenħtieġ li jgħaqqad flimkien il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri kollha kemm fil-livell estern, fil-livell tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, kif ukoll fil-livell intern.

Madankollu, id-diskussjonijiet, inkluż il-konsultazzjonijiet bilaterali mwettqa mill-Presidenza Awstrijaka fil-qafas tat-*Tour des Capitales*, wasslu għall-valutazzjoni tal-Presidenza Rumena li ma kienx hemm prospett realistiku li jsir xi progress kbir b'rabta mar-riforma ta' Dublin fit-terminu qasir, u għalhekk il-Presidenza ffokat l-isforzi prinċipali tagħha biex tavvanza kemm jista' jkun possibbli l-fajls l-oħra dwar ir-riforma tal-asil matul iż-żmien disponibbli qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jmiss.

L-approċċ tal-Presidenza li kellha l-għan li tavvanza kemm jista' jkun in-negozjati dwar il-livell tekniku bl-approvazzjoni kostanti tal-COREPER ma ffaċilitax t-tħassib tal-Istati Membri rigward il-linji nazzjonali għall-approċċ ta' pakkett, u influwenza l-andament tad-diskussjonijiet/negozjati għall-bqija tal-proposti fil-pakkett ta' riforma tas-SEKA.

Fl-istess ħin, il-Presidenza indirizzat f'diversi okkażjonijiet is-sitwazzjoni rikorrenti tal-migranti salvati mill-baħar billi organizzat skambji ta' fehmiet mal-Istati Membri kollha bil-ħsieb li jiġu esplorati soluzzjonijiet possibbli għal arranġamenti temporanji għall-iżbark. Id-diskussjoni mistennija li tkompli.

B. DIRETTIVA DWAR IL-KONDIZZJONIJIET TA' AKKOLJENZA

5. Fil-laqgħa tal-Coreper tad-29 ta' Novembru 2017, il-Presidenza Estonjana kisbet mandat dwar ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza b'appoġġ wiesa' biex tibda negozjati mal-Parlament Ewropew. Fit-tmien laqgħa ta' trilogu tal-14 ta' Ġunju 2018, intlaħaq ftehim proviżorju bejn ir-Rapporteur tal-PE u l-Presidenza Bulgara ta' dak iż-żmien. It-test tal-ftehim proviżorju ġie ppreżentat fil-laqgħa tal-COREPER tal-20 ta' Ġunju 2018 iżda ma kisibx l-appoġġ meħtieġ mid-delegazzjonijiet. Il-Presidenza Awstrijaka skedat laqgħat bilaterali mad-delegazzjonijiet kollha f'Lulju u, abbażi ta' dan u bil-ħsieb li tindirizza l-kwistjonijiet pendenti ewlenin, ippreżentat emendi possibbli għall-ftehim proviżorju lill-Kunsillieri biex jeżaminawhom.
6. Wara l-eżami mill-Kunsilliera ĠAI, il-Presidenza Awstrijaka ppreżentat emendi ta' kompromess¹ għall-ftehim proviżorju lill-COREPER fil-21 ta' Novembru 2018 għall-approvazzjoni bil-ħsieb li n-negozjati mal-Parlament Ewropew ikunu jistgħu possibbilment ikomplu. Madankollu, il-Presidenza Awstrijaka kkonkludiet li jenħtieġ li jsiru tentattivi ulterjuri fil-livell tekniku biex jinkiseb aktar appoġġ mid-delegazzjonijiet.
7. Għal dan il-għan, il-Presidenza Rumena kellha taħdidiet konsultattivi ulterjuri ma' dawk id-delegazzjonijiet li kienu qajmu tħassib dwar is-sustanza f'Jannar. Madankollu, u b'segwitu għal eżami ulterjuri, il-Presidenza kkonkludiet li l-ebda bidla ulterjuri għall-emendi ta' kompromess, kif ippreżentati lill-COREPER fil-21 ta' Novembru 2018, ma hija neċessarja. Fit-23 ta' Jannar 2019, il-COREPER ikkonferma appoġġ għall-emendi proposti² bil-ħsieb li jitkomplew in-negozjati fil-livell tekniku mal-Parlament Ewropew.
8. Madankollu, wara diskussjonijiet preliminari mal-Parlament Ewropew, deher li l-Parlament Ewropew jaqbel mal-ftehim proviżorju li ntlaħaq f'Ġunju 2018 u ma jixtieqx li jerġgħu jinfetħu n-negozjati.

¹ 13699/18

² 5458/19

C. *REGOLAMENT DWAR STANDARDS GĦALL-KWALIFIKA*

9. In-negozjati mal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika bdew f'Settembru 2017. Intlaħaq ftehim proviżorju mal-Parlament Ewropew mill-Presidenza Bulgara fl-14 ta' Ġunju 2018 fit-tmien trilogu. It-test tal-ftehim proviżorju ġie ppreżentat lill-COREPER fid-19 ta' Ġunju 2018 iżda ma kisibx l-appoġġ meħtieġ mid-delegazzjonijiet. Il-Presidenza Awstrijaka kellha laqgħat bilaterali f'Lulju ma' dawk l-Istati Membri li qajmu kwistjonijiet b'rabta mal-ftehim proviżorju. Sussegwentement ġew diskussi proposti ta' kompromess immirati ġodda u dawn ġew ippreżentati lill-Parlament Ewropew waqt trilogu fis-26 ta' Settembru 2018. F'dan it-trilogu, il-Parlament informa lill-Presidenza li, fil-prinċipju, huwa jaqbel mal-ftehim proviżorju li ntlaħaq f'Ġunju, u li mhux beħsiebu jkompli bin-negozjati għalissa. Dawn il-proposti ta' kompromess ġew ippreżentati lill-COREPER fil-21 ta' Novembru 2018 għall-approvazzjoni bil-ħsieb li n-negozjati mal-Parlament Ewropew ikunu jistgħu possibbilment ikomplu iżda l-Presidenza kkonkludiet li l-konsultazzjonijiet għandhom jibqgħu fil-livell tekniku biex jinkiseb aktar appoġġ mid-delegazzjonijiet.
10. Għal dan il-għan, il-Presidenza Rumena kellha kuntatti bilaterali ulterjuri u kkonkludiet li l-ebda bidla għall-emendi ta' kompromess, kif ippreżentati lill-COREPER fil-21 ta' Novembru 2018, ma hija neċessarja. Fit-23 ta' Jannar 2019, il-COREPER ikkonferma appoġġ għall-emendi proposti³ bil-ħsieb li n-negozjati mal-Parlament Ewropew ikunu jistgħu possibbilment ikomplu. F'kuntatti informali mal-Parlament Ewropew deher biċ-ċar li l-Parlament Ewropew jaqbel mal-ftehim proviżorju li ntlaħaq f'Ġunju 2018 u ma jixtieqx li jerġgħu jinfetħu n-negozjati.

³ 5456/19

D. *REGOLAMENT DWAR IL-PROĊEDURI TAL-ASIL*

11. Il-Presidenza kompliet bl-eżami tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil fil-livell tal-Kunsillieri ĠAI bil-ħsieb li tintlaħaq pożizzjoni tal-Kunsill mill-aktar fis possibbli. Filwaqt li l-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet jeħtieġu biss xi rfinar ulterjuri, għad hemm żewġ kwistjonijiet pendenti li huma iktar diffiċli biex jintlaħaq qbil dwarhom: il-proċedura dwar il-fruntiera u l-ambitu preċiż tagħha, kif ukoll id-definizzjoni tad-"deċiżjoni finali" li tinsab fl-Artikolu 4 tal-proposta. Ġew organizzati erba' laqgħat tal-Kunsillieri ĠAI, li ffokaw fuq l-aħħar proposta ta' kompromess għall-proċedura dwar il-fruntiera, li nħarġet mill-Presidenza. Sar ukoll qari tat-test kollu, li ppermetta li jiġi rreġistrat il-progress miksub fil-fajl u li joqorbu lejn verżjoni kkonsolidata, li ser tiġi indirizzata lill-COREPER f'Marzu għall-informazzjoni u, possibbilment, għal aktar gwida.

E. *REGOLAMENT EURODAC*

12. In-negozjati interistituzzjonali dwar ir-riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac bdew f'Settembru 2017, abbażi tal-mandat estiż maqbul fil-Coreper fil-15 ta' Ġunju 2017 u l-vot tal-Kumitat LIBE fit-30 ta' Mejju 2017. Fl-14 ta' Frar 2018, il-Coreper estenda l-mandat ta' negozjar tal-Kunsill għar-Regolament Eurodac biex ikopri wkoll kwistjonijiet relatati mar-risistemazzjoni. Saru erba' trilogi waqt il-Presidenza Estonjana u tnejn waqt il-Presidenza Bulgara. Fit-trilogu tad-19 ta' Ġunju 2018, il-Presidenza Bulgara u r-rapporteur irnexxielhom jaqblu dwar il-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet pendenti. Madankollu, dwar il-perijodu tal-ħżin tad-data għall-persuni li jfittxu asil il-Presidenza rriżervat il-pożizzjoni tagħha fl-istennija ta' aktar ċarezza dwar it-tul fi żmien tar-responsabbiltà stabbli fir-Regolament ta' Dublin. Fl-istess trilogu, saret l-ewwel diskussjoni dwar id-dispożizzjonijiet li jindirizzaw id-data dwar il-persuni risistemati. Ir-rapporteur qabel li jqis l-approċċ li kien ħa l-Kunsill dwar din il-kwistjoni. Sussegwentement, il-PE qajjem għadd ta' kwistjonijiet ta' tħassib legali dwar it-teħid u t-trażmissjoni ta' data bijometrika fil-proċedura ta' risistemazzjoni. Seħħew sensiela ta' laqgħat tekniċi fit-tieni nofs tal-2018 u fil-bidu tal-2019 sabiex tinstab soluzzjoni li tista' tkun aċċettabbli għall-koleġislaturi. Il-Kunsilliera ĠAI ddiskutew l-aħħar suġġerimenti ta' kompromess tal-PE fil-laqgħat tagħhom tal-24 ta' Jannar u l-4 ta' Frar 2019.

Peress li dawn is-suġġerimenti ġew rifjutati biċ-ċar mill-Istati Membri, il-Presidenza ħejjiet pakkett ta' kompromess dwar id-dispożizzjonijiet relatati mar-risistemazzjoni flimkien mal-perijodu ta' ħżin ta' data ta' 10 snin. Il-pakkett ta' kompromess ġie diskuss fil-laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI fil-11 ta' Frar u fil-COREPER fil-15 ta' Frar 2019. Filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri setgħu jappoġġaw il-kontenut tat-test tal-Presidenza, il-COREPER ma tax mandat lill-Presidenza biex tipproċedi għal trilogu mal-PE minħabba l-"approċċ ta' pakkett". Dan il-messaġġ ġie trażmess lill-PE. Il-Presidenza sejħet laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI fil-25 ta' Frar 2019 biex tippreżenta l-aħħar suġġeriment ta' kompromess tal-PE. Filwaqt li l-Istati Membri laqgħu l-aħħar suġġeriment mill-PE, huma ma tawx mandat lill-Presidenza biex tkompli n-negożjati mal-PE għall-istess raġunijiet indikati hawn fuq.

F. *REGOLAMENT EUAA*

13. Wara l-qbil li ntlaħaq dwar approċċ ġenerali parzjali fil-Kunsill, fl-20 ta' Diċembru 2016, il-Presidenza Maltija bdiet negożjati mal-Parlament Ewropew f'Jannar 2017. Bħala riżultat ta' sensiela ta' laqgħat tekniċi u trilogi, il-Presidenza Maltija laħqet qbil proviżorju dwar it-termini normattivi tat-test matul it-trilogu tat-28 ta' Ġunju. Il-Presidenza Estonjana kompliet bil-ħidma fil-livell tekniku sabiex tallinja l-premessi tat-test mal-parti prinċipali tal-proposta u laħqet qbil mal-Parlament Ewropew dwar din il-kwistjoni. Il-Presidenza Estonjana kkompletat ukoll il-wegħda biex ir-riżerva ta' intervent għall-asil tilħaq in-numru ta' 500 espert. Fis-6 ta' Diċembru 2017, il-Coreper ħa nota tal-qbil proviżorju li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew dwar it-test tal-proposta, minbarra t-test li tpoġġa f'parentesi kwadri u li jirreferi għal proposti oħrajn tas-SEKA. Fit-12 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta emendata għar-Regolament EUAA, li tibbaża fuq il-ftehim proviżorju li ntlaħaq mill-koleġislaturi fl-2017. Il-proposta emendata tkompli tibbaża fuq il-ftehim proviżorju dwar l-assistenza operazzjonali u teknika li tippermetti lill-Aġenzija twettaq il-proċedura għall-protezzjoni internazzjonali jew partijiet mill-proċedura fl-istadju amministrattiv mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li jieħdu deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet individwali.

L-emendi għandhom ukoll l-għan li jiżguraw il-komplementarjetà bejn il-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCG) u l-EUAA futura, b'mod partikolari fl-istazzjonar tat-Timijiet ta' Appoġġ għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni. L-ewwel eżami mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asil tal-proposta EUAA emendata sar taħt il-Presidenza Awstrijaka fil-25 ta' Settembru 2018, u kompla fil-livell tal-Kunsillieri ĠAI fit-8 ta' Ottubru, is-26 ta' Ottubru, id-19 ta' Novembru 2018 u l-15 ta' Jannar. Fit-23 ta' Jannar, il-Presidenza ppreżentat il-proposta emendata lill-COREPER waqt li talbet mandat biex tinnegozja mal-PE. Waqt id-diskussjonijiet fil-COREPER kien ċar li ma kienx hemm appoġġ suffiċjenti għas-suġġerimenti ta' kompromess tal-Presidenza kemm għal raġunijiet ta' sustanza kif ukoll għal raġunijiet relatati mal-"approċċ ta' pakkett". Il-Presidenza kompliet il-ħidma f'livell tekniku u sejħet laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI fl-4 ta' Frar fejn ġie diskuss test ta' kompromess rivedut. Peress li l-pożizzjoni tal-Istati Membri baqgħet l-istess bħal dik fid-diskussjoni preċedenti, il-Presidenza qieset li l-possibbiltajiet kollha ġew eżawriti fil-livell tekniku.

G. *REGOLAMENT DWAR IR-RISISTEMAZZJONI*

14. Il-mandat għan-negozjati mal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni ġie adottat fil-15 ta' Novembru 2017. In-negozjati interistituzzjonali bdew f'Diċembru 2017 u saru sitt trilogi fl-2018 taħt il-Presidenza Bulgara, li ppermettew li jsir progress fil-biċċa l-kbira tal-elementi tal-proposta. Fit-13 ta' Ġunju 2018, il-Presidenza u l-Parlament Ewropew laħqu ftehim politiku wiesa' dwar l-elementi ewlenin tar-Regolament. It-test tal-ftehim proviżorju ġie ppreżentat lill-Coreper fl-20 ta' Ġunju 2018 iżda ma kisibx l-appoġġ meħtieġ mid-delegazzjonijiet. Konsegwentement, il-Presidenza Awstrijaka kellha laqgħat bilaterali ma' dawk l-Istati Membri li ma kinux f'pożizzjoni li japprovaw il-ftehim proviżorju. Abbażi ta' dawn it-taħditiet, ġew ippreżentati proposti ta' kompromess ġodda lill-Parlament. Madankollu, wara l-ewwel trilogu tekniku, il-Parlament indika b'mod informali li fil-prinċipju u għalissa jibqa' jħaddan il-ftehim proviżorju milħuq fit-trilogu ta' Ġunju. Fid-9 ta' Ottubru 2018, il-Kunsilliera ĠAI ddiskutew emendi possibbli ta' kompromess li jiffokaw fuq kwistjonijiet ta' tħassib ewlenin espressi mill-Istati Membri matul il-laqgħat bilaterali.

Dawn il-proposti ta' kompromess ġew ippreżentati lill-COREPER fil-21 ta' Novembru 2018 għall-approvazzjoni bil-ħsieb ta' kontinwazzjoni possibbli tan-negozjati mal-Parlament Ewropew iżda l-Presidenza kkonkludiet li l-konsultazzjonijiet għandhom jibqgħu fil-livell tekniku.

Fil-16 ta' Jannar 2019, COREPER iddiskuta mill-ġdid dawn l-emendi ta' kompromess. Il-Presidenza kkonkludiet li waqt li kien hemm qbil ġenerali dwar is-sustanza, hija ma kinitx ser tiddiskutihom għalissa f'trilogu politiku mal-Parlament Ewropew u li l-COREPER kien ser jiġi kkonsultat qabel ma tidħol f'trilogu politiku mal-Parlament Ewropew dwar il-kwistjonijiet li fadal li tħallew barra mill-ftehim proviżorju li ntlaħaq taħt il-Presidenza Bulgara.

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li tħallew barra mill-ftehim proviżorju, il-Kunsilliera ĠAI ddiskutew fit-18 ta' Diċembru 2018, il-15 u l-25 ta' Jannar 2019 emendi ta' kompromess possibbli li għandhom jiġu diskussi aktar mal-Parlament Ewropew. Fit-30 ta' Jannar 2019, il-COREPER iddiskuta dawn l-emendi u l-Presidenza kkonkludiet li għalkemm kien hemm qbil dwar is-sustanza, hija ma kinitx ser tiddiskutihom għalissa f'trilogu politiku mal-Parlament Ewropew.

Wara diskussjonijiet tekniċi informali mal-Parlament Ewropew, il-Presidenza ddeċidiet li tissuġġerixxi xi proposti ta' kompromess ġodda fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' tħassib ewlenin espressi mill-Istati Membri f'Ġunju u li tesplora l-possibbiltà li tinvolvi ruħha fi trilogu politiku mal-Parlament Ewropew dwar it-test kollu. Dawn l-emendi ta' kompromess ġew diskussi fil-laqgħa tal-Kunsilliera ĠAI fil-11 ta' Frar 2018.

Fil-15 ta' Frar 2019, il-COREPER iddiskuta mill-ġdid id-dispożizzjonijiet li tħallew barra mill-ftehim proviżorju u l-proposti ta' kompromess ġodda fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' tħassib ewlenin espressi mill-Istati Membri f'Ġunju 2018. Madankollu, għalkemm il-maġġoranza tal-Istati Membri setgħu jappoġġaw il-kontenut tat-test tal-Presidenza, il-COREPER ma tax mandat lill-Presidenza biex tipproċedi għal trilogu mal-PE minħabba l-"approċċ ta' pakkett". Konsegwentement, il-Presidenza ttrasmettiet dan il-messaġġ lill-Parlament Ewropew.